DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2319

tat-13 ta' Diċembru 2017

dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju applikabbli għal boroż rikonoxxuti fir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 25(4)(a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] jeħtieġ li d-ditti tal-investiment jiżguraw li n-negozji li jagħmlu f'ishma ammessi għan-negozjar fis-swieq regolati, jew innegozzjati f'ċentri tan-negozjar għandhom isiru fi swieq regolati, faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTF) jew internalizzaturi sistematiċi, jew inkella ċentri tan-negozjar ta' pajjiż terz valutat bħala ekwivalenti skont l-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE.

(2) L-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 japplika l-obbligu tan-negozjar biss fir-rigward tal-ishma. L-obbligu tan-negozjar ma jinkludix strumenti ta' ekwità oħrajn, bħal riċevuti depożitarji, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji oħrajn simili.

(3) Il-proċedura ta' ekwivalenza għal ċentri tan-negozjar stabbiliti f'pajjiżi terzi stabbilita fl-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE għandha l-għan li tippermetti lid-ditti tal-investiment iwettqu negozji f'ishma li huma soġġetti għall-obbligu tan-negozjar fl-Unjoni, f'ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti bħala ekwivalenti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk il-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgurax il-konformità ta' ċentru tan-negozjar awtorizzat f'dak il-pajjiż terz ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li jkunu ekwivalenti għar-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], mit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE, mit-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u mid-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4], u li jkunu soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż. Dan jenħtieġ li jinqara fid-dawl tal-objettivi li dak l-att għandu l-għan li jikseb, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni tiegħu għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri u fl-aħħar mill-aħħar, iżda xejn inqas importanti, l-istabbiltà finanzjarja.

(4) F'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE, qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jista' jiġi kkunsidrat bħala ekwivalenti meta dak il-qafas ikun jissodisfa tal-anqas il-kundizzjonijiet li (a) is-swieq huma soġġetti għal awtorizzazzjoni u għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa, (b) is-swieq ikollhom regoli ċari u trasparenti dwar l-ammissjoni tat-titoli għan-negozjar sabiex tali titoli jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod ġust, ordnat u effiċjenti, u jkunu liberament negozjabbli, (c) l-emittenti ta' titoli huma soġġetti għal rekwiżiti ta' informazzjoni perijodika u kontinwa li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-investitur, u (d) it-trasparenza u l-integrità tas-suq jiġu żgurati permezz tal-prevenzjoni ta' abbuż tas-suq fil-forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

---

[1] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

[4] Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

(5) L-għan ta' din il-valutazzjoni ta' ekwivalenza hu li tivvaluta, fost l-oħrajn, jekk ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli f'Hong Kong biex jiġu rikonoxxuti boroż stabbiliti u awtorizzati skont il-Hong Kong Securities and Futures Ordinance ("SFO") ("boroż rikonoxxuti") u sorveljati mis-Securities and Futures Commission ("SFC") humiex ekwivalenti għar-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 596/2014, mit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE, mit-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u mid-Direttiva 2004/109/KE, li jkunu soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż.

(6) Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li s-swieq ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni, u għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa, taħt l-SFO (il-Kapitolu 571 tal-Liġijiet ta' Hong Kong) il-borża rikonoxxuta trid topera sistema multilaterali skont regoli mhux diskrezzjonali. Il-kumpanija ma għandhiex is-setgħa diskrezzjonali dwar kif teżegwixxi n-negozji u ma tistax tinnegozja jew tieħu sehem f'negozjar matched principal. Barra minn hekk, borża rikonoxxuta trid tagħti lill-membri tagħha aċċess imparzjali għas-swieq u għas-servizzi tagħha. Il-kriterji tal-aċċess iridu jkunu imparzjali, trasparenti u applikati b'mod nondiskriminatorju. Għal dan l-għan, ir-regoli tal-operazzjoni ta' kumpanija rikonoxxuta tal-borża jrid ikollhom standards raġonevoli u nondiskriminatorji għar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà u l-aċċess. Ir-Regoli tal-Borża huma eżaminati u approvati mill-SFC. Biex taċċessa s-sistema ta' negozjar ta' borża rikonoxxuta, huwa meħtieġ li ssir parteċipant tal-borża tal-borża rikonoxxuta. Il-parteċipanti fil-borża jridu jissodisfaw ċerti kriterji. Fost affarijiet oħra, iridu jkunu kumpanija inkorporata f'Hong Kong, liċenzjati taħt it-Taqsima 116(1) tal-SFO u jkollhom ċertifikat tar-reġistrazzjoni tan-negozju skont il-Business Registration Ordinance.

(7) L-erba' kundizzjonijiet stipulati fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE jridu jiġu sodisfatti sabiex jiġi ddeterminat li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz rigward iċ-ċentri tan-negozjar awtorizzati fih huma ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 2014/65/UE.

(8) Skont l-ewwel kundizzjoni, ċentri tan-negozjar f'pajjiżi terzi jridu jkunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni u għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.

(9) It-Taqsima 19(1)(a) tal-SFO tipprevedi li l-ebda persuna ma tista' topera suq azzjonarju sakemm il-persuna ma tkunx borża rikonoxxuta. L-SFC tista' tirrikonoxxi kumpanija bħala borża jekk tkun konvinta li jekk tagħmel dan ikun fl-interess tal-pubbliku li jinvesti jew fl-interess pubbliku jew għar-regolamentazzjoni xierqa tas-suq tat-titoli. L-SFC tista', wara li tikkonsulta mal-pubbliku u mbagħad mas-Segretarju Finanzjarju tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, tirrikonoxxi kumpanija bħala borża. L-SFC jista' wkoll, bil-kunsens tas-Segretarju Finanzjarju, jagħti r-rikonoxximent lil kontrollur tal-borża. Ir-rikonoxximent jista' jkun soġġett għal kundizzjonijiet imposti mill-SFC. Ladarba tiġi rikonoxxuta, borża rikonoxxuta li topera suq azzjonarju jkollha d-dmir li tiżgura suq ordnat, infurmat u ġust fit-titoli negozjati fil-boroż sussidjarji tagħha. F'konformità mad-Diviżjonijiet 2 sa 4 tal-Parti III tal-SFO, borża rikonoxxuta trid tiżgura li r-riskji assoċjati max-xogħol u l-operazzjonijiet tagħha jkunu mmaniġjati prudentement. Hi u twettaq dawn id-dmirijiet, hija trid taġixxi fl-interess tal-pubbliku, filwaqt li tqis b'mod partikolari l-interess tal-pubbliku li jinvesti, u trid tiżgura li l-interess pubbliku jirbaħ meta dan ikun f'kunflitt mal-interess tal-borża rikonoxxuta jew tal-kontrollur tal-borża rikonoxxut. Il-borża rikonoxxuta trid timxi ma' kwalunkwe rekwiżit legali impost fuqha taħt kull mogħdija ta' liġi jew stat tad-dritt u ma' kull rekwiżit legali ieħor.

(10) L-SFC hija r-regolatur tas-suq tat-titoli f'Hong Kong. Taħt il-Parti III tal-SFO, l-SFC hija responsabbli għas-superviżjoni, il-monitoraġġ u r-regolamentazzjoni tal-attivitajiet imwettqa minn boroż rikonoxxuti u kontrolluri tal-borża rikonoxxuti. L-SFC timmonitorja borża rikonoxxuta biex tivvaluta jekk din tikkonformax mad-dmirijiet statutorji tagħha fuq bażi inizjali u kontinwa. Jekk il-borża rikonoxxuta tonqos milli timxi ma' tali dmirijiet, l-SFC għandha s-setgħa li tieħu l-azzjonijiet xierqa stipulati fil-Parti III tal-SFO. It-Taqsimiet 28 u 72 tal-SFO jipprevedu li l-SFC tista' tirtira r-rikonoxximent ta' kumpanija bħala borża. Taħt l-SFO, l-SFC għandha setgħat regolatorji, amministrattivi u investigattivi u tista' timponi ordinijiet tal-qorti permezz ta' proċedimenti ta' qorti ċivili f'konformità mat-Taqsimiet 213 u 214 tal-SFO, sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali, kif ukoll tiftaħ jew tirreferi kwistjonijiet għal prosekuzzjoni kriminali. Barra minn hekk, skont it-Taqsima 399(1) tal-SFO, l-SFC tista' tippubblika kodiċijiet u linji gwida kif hi tqis xieraq biex tagħti gwida ħalli ġġib 'il quddiem kwalunkwe wieħed

mill-objettivi jew funzjonijiet regolatorji tagħha u l-operat ta' kwalunkwe dispożizzjoni tal-SFO. Il-boroż rikonoxxuti huma responsabbli għall-istabbiliment u l-infurzar tar-regoli tan-negozjar tagħhom biex jiżguraw il-konformità tal-parteċipanti tal-borża tagħhom. Biex jiżguraw il-konformità kontinwa mar-rekwiżiti tal-SFO, l-SFC tista' teżamina u tawditja l-operat tal-boroż rikonoxxuti u kontrolluri tal-borża rikonoxxuti, is-sistemi ta' negozjar u kklirjar elettroniċi tagħhom u l-ġestjoni tar-riskju tagħhom. Taħt it-Taqsima 23 tal-SFO, l-SFC tista' tagħti ordni lil borża rikonoxxuta biex toħloq jew tibdel xi regoli li tkun tista' tagħmel skont dik id-dispożizzjoni. L-SFC tista' titlob lil borża rikonoxxuta biex tipprovdi l-kotba, ir-rekords u informazzjoni oħra tan-negozju tagħha jew fir-rigward ta' kwalunkwe negozjar f'titoli. L-SFC tista' wkoll tordna lil boroż rikonoxxuti jieħdu azzjonijiet, inkluż li titlob lil borża rikonoxxuta biex tieħu t-tali azzjoni relatata mal-ġestjoni, il-kondotta jew l-operat tan-negozju tagħha jew li tipprojbiha minn ċerti azzjonijiet marbutin mal-ġestjoni, il-kondotta jew l-operat tan-negozju tagħha kif speċifikat fl-Avviż ta' Restrizzjoni bħal fit-Taqsima 92(1) tal-SFO. Barra minn hekk, taħt it-Taqsima 29 tal-SFO, l-SFC għandha s-setgħa li tissospendi n-negozjar fit-titoli u tagħlaq borża rikonoxxuta fil-każ li tkun tal-fehma li n-negozjar ordnat fis-suq azzjonarju jkun mhedded. L-SFO jagħti s-setgħa lill-SFC li timponi miżuri dixxiplinari (il-Parti IX tal-SFO) u li tagħmel prosekuzzjoni tal-awturi ta' reati marbutin mat-titoli (it-Taqsima 388 tal-SFO). Is-sorveljanza u s-superviżjoni dixxiplinari tal-SFC imorru lil hinn mill-kumpaniji elenkati fil-borża u d-detenturi ta' liċenzja u jaslu għand il-parteċipanti fis-suq, inklużi l-investituri. L-SFC, skont l-SFO għandha s-setgħat li tieħu azzjonijiet dixxiplinari, ċivili u kriminali għall-kondotta ħażina fis-suq. Skont il-Parti XIII tal-SFO, l-SFC tista' tirrikorri għand it-Tribunal għall-Kondotta Ħażina fis-Suq u, fejn xieraq, timponi sanzjonijiet ċivili. Rispettivament, taħt il-Parti XIV tal-SFO, l-SFC tista' tirreferi każ lill-qrati tal-liġi kriminali. Fejn xieraq, l-SFC tista' wkoll tfittex mandati biex tfittex il-bini f'konformità mat-Taqsima 191 tal-SFO u tikkoopera mal-korpi regolatorji domestiċi u barranin biex twettaq investigazzjonijiet skont it-Taqsima 186 tal-SFO.

(11) Il-Memorandum ta' Qbil tal-2001 (MtQ) li sar bejn il-kontrollur tal-borża u l-SFC dwar Kwistjonijiet relatati mas-Superviżjoni mill-SFC, is-Superviżjoni tal-Parteċipanti fil-Borża u s-Sorveljanza tas-Suq jeħtieġ li l-boroż rikonoxxuti jipprovdu d-dejta u informazzjoni lill-SFC fuq bażi regolari jew *ad hoc*. Għall-finijiet ta' monitoraġġ l-SFC għandha aċċess għall-informazzjoni dwar l-ordnijiet u t-tranżazzjoni f'ħin reali. Taħt l-Entrata 16 tal-Appendiċi II tal-MtQ, boroż rikonoxxuti huma mitluba li, ladarba dan ikun prattiku, jinnotifikaw lill-SFC dwar kwistjonijiet meqjusin bħala serji, u li jaqsmu l-informazzjoni mal-SFC fiż-żminijiet preskritti kif miftiehem bejn iż-żewġ partijiet. Taħt it-Taqsima 27 tal-SFO, l-SFC tista' titlob lil borża rikonoxxuta li tipprovdi kotba u rekords miżmuma b'rabta mal-finijiet tax-xogħol tagħha jew għalihom, jew fir-rigward ta' kwalunkwe strument finanzjarju negozjat, u tali informazzjoni oħra relatata max-xogħol tagħha jew kwalunkwe negozjar fit-titoli, kuntratti tal-futuri jew prodotti derivattivi OTC. Boroż rikonoxxuti huma meħtieġa jżommu rekord ta' kull ordni u tranżazzjoni marbuta ma' kwalunkwe strument finanzjarju li l-SFC tista' raġonevolment tkun teħtieġ biex twettaq il-funzjonijiet tagħha. Dawn huma meħtieġa li jżommu dawn ir-rekords għal perjodu li ma jkunx inqas minn seba' snin.

(12) Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-boroż rikonoxxuti f'Hong Kong huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni u l-infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.

(13) Skont it-tieni kundizzjoni, ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi jrid ikollhom regoli ċari u trasparenti dwar l-ammissjoni ta' titoli għan-negozjar sabiex tali titoli jkunu jistgħu jiġi negozjati b'mod ġust, ordnat u effiċjenti, u li jkunu liberament negozjabbli.

(14) Dmir statutorju ta' borża skont it-taqsima 21 tal-SFO huwa li tiżgura suq ordnat, infurmat u ġust. Regoli tal-elenkar huma rekwiżiti stabbiliti fir-regoli tal-borża konformi mal-SFO fejn l-operatur tas-suq jistabbilixxi r-regoli interni tiegħu biex jiżgura l-provvediment ta' suq ġust, ordnat u effiċjenti għan-negozjar tat-titoli u jirrikjedu li l-ħruġ ta' titoli jsir b'mod ġust u ordnat, u li d-detenturi kollha ta' titoli maħruġin jiġu ttrattati ġustament u ndaqs. Ir-regoli tal-elenkar fihom ir-rekwiżiti bażi ta' kwalifika għall-elenkar ta' titoli. Dawn ir-regoli jinkludu wkoll rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati qabel ma t-titoli jkunu jistgħu jiġu elenkati, kif ukoll obbligi kontinwi li emittent irid ikun konformi magħhom ladarba l-elenkar ikun ġie approvat. Skont it-Taqsima 24 tal-SFO, l-SFC trid tapprova dawn ir-regoli ta' elenkar. Applikant għall-elenkar irid ikun inkorporat kif dovut, irid jissodisfa ċerti rekwiżiti ta' kapital, rekwiżiti ta' żvelar, u jkollu preżenza ta' maniġment suffiċjenti f'Hong Kong. Kemm l-applikant kif ukoll in-negozju tiegħu jridu, fil-fehma tal-operatur tas-suq, ikunu xierqa għall-inklużjoni fil-lista. Borża rikonoxxuta żżomm id-diskrezzjoni assoluta biex taċċetta jew tiċħad applikazzjonijiet għall-elenkar. Kwalunkwe deroga mir-regoli tal-elenkar tista' tingħata biss fuq bażi ta' każ b'każ billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' każ partikolari. Meta tali deroga tkun intiża biex tħalli effett ġenerali, tista' tingħata biss bil-kunsens minn qabel tal-SFC. Borża rikonoxxuta trid tiċċertifika lill-SFC li t-titolu jkun ġie approvat għall-elenkar u l-kwotazzjoni. It-titoli

jridu jkunu liberament trasferibbli u jissodisfaw ċerti kriterji rigward id-distribuzzjoni tat-titoli lill-pubbliku. Finalment, biex jiġi żgurat in-negozjar ordnat tat-titoli, l-SFC tista' tissospendi n-negozjar fi prodott finanzjarju jew fi klassi ta' prodotti finanzjarji negozjati f'borża rikonoxxuta.

(15) Bħala parti mid-dmir tagħha li tiżgura negozjar ordnat, infurmat u ġust, borża rikonoxxuta trid tiżgura livell xieraq ta' trasparenza dwar il-livell ta' kummerċ fil-ħin u b'mod ekwu. L-informazzjoni ta' qabel in-negozjar tinkludi l-kwotazzjonijiet tal-aħjar talba u offerta, u l-fond tal-prezzijiet u l-ordnijiet. Il-ktieb tal-ordnijiet sħiħ, li jinkludi l-prezzijiet attwali tat-talba u tal-offerta u l-fond tal-interess tan-negozjar b'dawk il-prezzijiet, huwa magħmul pubbliku fuq bażi kontinwa u f'ħin reali tul is-sessjoni ta' negozjar kontinwu. Il-parteċipanti tas-suq jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni ta' qabel in-negozjar direttament permezz tas-sistemi ta' data tas-suq tal-borż jew indirettament permezz tal-bejjiegħa tal-informazzjoni. Ma hemm l-ebda eżenzjoni mit-trasparenza ta' qabel in-negozjar. It-tranżazzjonijiet li jsiru f'borża rikonoxxuta huma soġġetti għall-iżvelar tal-informazzjoni ta' wara n-negozjar. Id-dettalji dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fil-borża huma disseminati f'ħin reali u jinkludu, fost l-oħrajn, prezzijiet, prezzijiet tal-għeluq, u informazzjoni dwar ir-rotazzjoni tas-suq. Il-parteċipanti tas-suq jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni ta' wara n-negozjar direttament permezz tas-sistemi ta' data tas-suq tal-borż jew indirettament permezz tal-bejjiegħa tal-informazzjoni.

(16) Għaldaqstant jista' jiġi konkluż li l-borż rikonoxxuti f'Hong Kong għandhom regoli ċari u trasparenti dwar l-ammissjoni ta' titoli għan-negozjar sabiex tali titoli jkunu jistgħu jiġu negozjati b'mod ġust, ordnat u effiċjenti, u jkunu liberament negozjabbli.

(17) Skont it-tielet kundizzjoni, l-emittenti ta' titoli jridu jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' informazzjoni perjodiċi u kontinwi, li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri.

(18) Ir-regoli tal-elenkar ta' borża rikonoxxuta huma meħtieġa li jkollhom rekwiżiti ta' żvelar ċari, komprensivi u speċifiċi li japplikaw għar-rapporti annwali u interim. Emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negozjar huma rikjesti jippubblikaw kontijiet annwali u rapporti finanzjarji ta' kull sitt xhur kif stipulat fil-ktieb tar-regoli tal-borża. Ir-rapporti jridu jkunu awditjati u jkunu konformi mal-istandards kontabilistiċi ġeneralment aċċettati. Borża rikonoxxuta trid timmonitorja l-konformità kontinwa tal-emittenti mal-obbligi ta' żvelar skont ir-Regoli tal-Elenkar. Barra minn hekk, borża rikonoxxuta tanalizza r-rapporti annwali tal-emittenti b'fokus fuq il-konformità tar-regoli tal-elenkar tal-emittenti u l-iżvelar ta' avvenimenti u żviluppi materjali bħala parti mill-attivitajiet kontinwi ta' monitoraġġ u konformità tagħha. L-SFC twettaq sorveljanza attiva tal-attivitajiet ta' kumpanija u analiżi fil-fond ta' kumpaniji elenkati magħżulin bl-għan li tidentifika kwalkunkwe nuqqas ta' konformità jew imġiba ħażina korporattivi. L-iżvelar ta' informazzjoni komprensiva u f'waqtha dwar l-emittenti tat-titotli tippermetti lill-investituri jivvalutaw il-prestazzjoni tan-negozju tal-emittenti u jiżgura t-trasparenza xierqa għall-investituri permezz ta' fluss regolari ta' informazzjoni.

(19) Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-emittenti tat-titoli ammessi f'borż rikonoxxuti f'Hong Kong huma soġġetti għal rekwiżiti ta' informazzjoni perjodiċi u kontinwi, li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri.

(20) Skont ir-raba' kundizzjoni, il-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz irid jiżgura t-trasparenza u l-integrità tas-suq billi jipprevjeni l-abbuż tas-suq fil-forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

(21) Il-liġijiet dwar it-titoli ta' Hong Kong jistabbilixxu, kif inhu elaborat iktar 'l isfel, qafas regolatorju u superviżorju komprensiv biex tiġi żgurata l-integrità tas-suq, tiġi pprojbita l-imġiba frodulenta jew qarrieqa minn borż rikonoxxuti u t-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa rigward it-titoli jew l-emittenti, kif ukoll biex jipprevjenu l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. L-SFO jirregola l-abbuż tas-suq u jistabbilixxi reġimi ċivili u kriminali fir-rigward tal-kondotta ħażina fis-suq. Il-kondotta ħażina fis-suq, kif definita mill-SFO, tiġbor fiha sitt reati, jiġifieri l-abbuż minn informazzjoni privileġġata taħt it-Taqsimiet 270 u 291 tal-SFO, negozjar falz taħt it-Taqsimiet 274 u 295 tal-SFO, l-immanuvrar tal-prezzijiet taħt it-Taqsimiet 275 u 296 tal-SFO, l-iżvelar ta' informazzjoni dwar tranżazzjonijiet projbiti taħt it-Taqsimiet 276 u 297 tal-SFO, żvelar ta' informazzjoni falza u qarrieqa li twassal għal tranżazzjonijiet taħt it-Taqsimiet 277 u 298 tal-SFO u l-manipulazzjoni tas-suq taħt it-taqsimiet 278 u 299 tal-SFO. Reati taħt ir-reġim ċivili jinstemgħu mit-Tribunal għall-Kondotta Ħażina fis-Suq, li quddiemu l-SFC tista' tibda l-proċedimenti. Għal reati taħt ir-reġim kriminali, l-SFC għandha s-setgħa li tagħmel prosekuzzjonijiet sommarji fil-Qrati tal-Maġistrati. Skont it-Taqsima 107 tal-SFO, l-SFC tista' titlob sanzjonijiet kriminali kontra persuni li jwasslu lil oħrajn biex jixtru jew ibigħu titoli permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz frodulenti jew imprudenti jew, taħt it-Taqsima 298 tal-SFO, kontra persuni li jagħtu infromazzjoni falza jew qarrieqa li aktarx twassal biex ħaddieħor jixtri t-titoli. Taħt it-Taqsima 277 tal-SFO, din l-imġiba tal-aħħar hija wkoll meqjusa bħala kondotta ħażina taħt ir-reġim ċivili dwar il-kondotta ħażina fis-suq. Barra minn hekk, it-Taqsima 300 tal-SFO tipprevedi responsabbiltajiet penali għal

persuni li jużaw aġir, mezzi jew skemi qarrieqa jew frodulenti fi tranżazzjoni ta' titoli bl-għan li jiffrodaw jew iqarrqu. It-Taqsima 384 tal-SFO tistabbilixxi r-responsabbiltà penali għal persuni li konxjament jew b'imprudenza jagħtu informazzjoni falza jew qarrieqa lill-SFC jew lill-kontrollur tal-borża rikonoxxut. Meta korporazzjoni tinstab ħatja ta' reat, it-Taqsima 390 tal-SFO testendi r-responsabbiltà penali lil kwalunkwe uffiċjal tal-korporazzjoni li ta l-kunsens, ma tax kas, jew kien imprudenti għat-twettiq tar-reat.

(22) Għaldaqstant jista' jiġi konkluż li l-qafas legali u superviżorju ta' Hong Kong jiżgura t-trasparenza u l-integrità tas-suq billi jipprevjeni l-abbuż tas-suq fil-forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

(23) Għalhekk jista' jiġi konkluż ukoll li l-qafas legali u superviżorju li jirregola l-boroż rikonoxxuti operati f'Hong Kong taħt is-superviżjoni tal-SFC huwa konformi mal-erba' kundizzjonijiet għall-arranġamenti legali u superviżorji, u għalhekk għandu jkun meqjus li jipprovdi għal sistema ekwivalenti għar-rekwiżiti għal ċentri tan-negozjar stipulati fid-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u d-Direttiva 2004/109/KE.

(24) Minħabba li hemm għadd sinifikanti ta' ishma maħruġa fl-UE li huma ammessi għan-negozjar u nnegozjati f'ċentri tan-negozjar fl-UE, li huma wkoll negozjati f'ċentri tan-negozjar f'Hong Kong, iċ-ċentri ta' negozjar f'Hong Kong spiss jaġixxu bħala ċentri addizzjonali ta' likwidità għal dawk l-ishma maħruġa fl-UE. Din il-karatteristika tippermetti lil ditti tal-investiment tal-UE jinnegozjaw f'ishma maħruġa fl-UE ammessi għan-negozjar u negozjati f'ċentri tan-negozjar fl-UE barra mill-ħinijiet tax-xogħol taċ-ċentri tan-negozjar tal-UE. Ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju ta' Hong Kong ikun jippreserva l-kapaċità tad-ditti tal-investiment tal-UE li jkomplu jinnegozjaw f'ishma maħruġa fl-UE barra mill-ħinijiet tax-xogħol taċ-ċentri tan-negozjar fl-UE.

(25) Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq data li turi li n-negozjar tal-UE ġenerali f'għadd ta' ishma ammessi fil-boroż f'Hong Kong huwa ta' frekwenza tali li ditti tal-MiFID ma setgħux jagħmlu użu mill-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 23(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Dan jimplika li l-obbligu tan-negozjar stipulat fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 japplika għal għadd sinifikanti ta' ishma ammessi għan-negozjar f'Hong Kong.

(26) Din id-deċiżjoni se tkun komplementata minn arranġamenti ta' kooperazzjoni biex jiġi żgurat l-iskambju effettiv tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-SFC.

(27) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq ir-rekwiżiti legalment vinkolanti relatati ma' boroż rikonoxxuti applikabbli f'Hong Kong fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli timmonitorja fuq bażi regolari l-evoluzzjoni tal-arranġamenti legali u superviżorji għal dawn iċ-ċentri ta' negozjar, l-iżviluppi fis-suq, l-effettività tal-kooperazzjoni superviżorja b'rabta mal-monitoraġġ u l-infurzar u s-sodisfar tal-kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom ittieħdet din id-Deċiżjoni.

(28) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq rieżami regolari tal-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għall-boroż rikonoxxuti f'Hong Kong. Dan ikun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kummissjoni twettaq rieżami speċifiku fi kwalunkwe ħin, meta żviluppi rilevanti jagħmluha neċessarja li l-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid l-ekwivalenza mogħtija b'din id-Deċiżjoni. Valutazzjoni mill-ġdid tista' twassal għat-tħassir ta' din id-Deċiżjoni.

(29) Minħabba li r-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE japplikaw mit-3 ta' Jannar 2018, huwa neċessarju li din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(30) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-qafas legali u superviżorju fir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong applikabbli għal boroż rikonoxxuti awtorizzati fih, u kif stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jitqies bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u d-Direttiva 2004/109/KE u li huwa soġġett għal superviżjoni u infurzar effettivi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Borża rikonoxxuti:

The Stock Exchange of Hong Kong Limited (SEHK)